MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 889/2003

**The Catering Centre Company  Limited'**

**Vs**

**Alex Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Mejju 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm240.50) rapprezentanti bilanc dovut minn import ta' seba' (7) kambjali skaduti. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tas-7 ta' Marzu 2003 u bl-imghax legali mid-dati tal-iskadenzi tal-

kambjali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Joseph Camilleri in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm240.50), .bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------